A.L. 55 ta' l-1981

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1981 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-12 ta' Ġunju, 1981.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern fl-Iklin, Birkirkara li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 128 sa 141 tal-kejl ta' madwar 4200 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' triq pubblika.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern f'Birżebbuġa:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 124 sa 127 tal-kejl ta' madwar 1154 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Thomas Formosa;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 128 sa 136 tal-kejl ta' madwar 2759 metru kwadru li tmiss mill-Grigal, mill-Majjistral, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, is-Sur ta' Santa Liena, Bormla li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 16 tal-kejl ta' madwar 3861 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Żejtun Gate, Bormla:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 4 tal-kejl ta' madwar 829 metru

kwadru li tmiss mill-Majjistral u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofs in-Nhar ix-Xlokk ma' triq pubblika;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 5 sa 10 tal-kejl ta' madwar 1481 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 11 sa 18 tal-kejl ta' madwar 1902 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(e) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Fleur-de-Lys, limiti ta' Ħal Qormi:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 15 tal-kejl ta' madwar 125 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjorina Rose Micallef u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur George Grech;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 29 tal-kejl ta' madwar 130.8 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Sultana, minn Nofs in-Nhar ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Ronald Azzopardi u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Albert Pace.

(f) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tar-Rinella, il-Kalkara:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 29 tal-kejl ta' madwar 7071.295 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 37 sa 47 tal-kejl ta' madwar 2746.245 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika.

(g) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' Pennellu, il-Mellieħa:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 169 sa 195 tal-kejl ta' madwar 6425 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 196 sa 244 tal-kejl ta' madwar 14436 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(ħ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Mosta li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala Plots Nri 16 sa 23 tal-kejl ta' madwar 1691 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-Nhar u mil-Lbiċ ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Salvino Cordina u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Robert Lewis.

(i) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tas-Sgħajtar, in-Naxxar li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 31 tal-kejl ta' madwar 8591.9

metri kwadri li tmiss mill-Grigal, mill-Majjistral, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(j) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' Giorni, San Ġiljan li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 23 tal-kejl ta' madwar 7156 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(k) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Buġibba (Il-Wiġa tal-Veċċ) limiti ta' San Pawl-il Baħar li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 sa 78 tal-kejl ta' madwar 27797 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, minn Nofs in-Nhar parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika.

(l) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Tarxien li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 51 sa 77 u *garage sites* Nri 58 sa 60, 62 sa 65, 68 sa 70 u 72 sa 75 tal-kejl ta' madwar 8815 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mix-Xlokk u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern.

(m) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xgħajra (San Pietru) f'Ħaż-Żabbar:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 23 sa 73 u *garage sites* Nri 58 sa 64 u 66 tal-kejl ta' madwar 11455.4 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *garage sites* Nri 23 sa 29 tal-kejl ta' madwar 226 metru kwadru li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk, mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(n) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tan-Nigret, iż-Żurrieq:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn plots fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 33 sa 52 tal-kejl ta' madwar 5309 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 53 sa 71 tal-kejl ta' madwar 5372 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(o) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' l-Għasri, Għawdex:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 1 u 2 tal-kejl ta' madwar 665.6 metri kwadri li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' triq pubblika;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 5 tal-kejl ta' madwar 332.8 metri kwadri li tmiss mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' triq pubblika;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 12 tal-kejl ta' madwar 427.7 metri kwadri li tmiss mill-Grigal, mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofs in-Nhar u mil-Lbiċ ma' triq pubblika.

(p) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xagħra, Għawdex:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 43 tal-kejl ta' madwar 234 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Salvu Attard u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Nicholas Agius;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 45 tal-kejl ta' madwar 234 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Nicholas Agius u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Salvu Azzopardi.

(q) Id-djar numri 2, 3 u 4, fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' Brandin, is-Siġġiewi.

(r) Flat Numru 1, Bieb ta' Barra Numru 2, Triq il-Papa Piju V, il-Belt Valletta.

(s) Id-dar Numru 75, fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħaż-Żabbar.